MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1199/2003

**Marie Chantal Aloisio**
**Vs**

**Conrad Caruana Montaldo**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Gunju 2003 fejn l-attrici titlob sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm1000 (elf Lira Maltin) bhala rifuzjoni ta’ akkont mhallas fuq konvenju li skada.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Premess illi l-attrici kif rapprezentata minn missierha Alexander Aloisio dahlet f’konvenju ossija promessa ta’ xiri mal-konvenut dwar il-fond konsisenti f’garaxx fi Plot 3, Triq il-Gizimini, Swieqi, quddiem in-Nutar Dr Rachel Busuttil (Dok. MC1);

Premess illi fuq dana l-konvenju l-attrici hallset elf lira Maltin bhala akkont tal-prezz finali;

Premess illi sussegwentement dan il-konvenju skada minghajr ma l-ebda wahda mill-partijiet ma wriet ix-xewqa li tipprosegwi bl-ezekuzzjoni tieghu, u ghalhekk l-attrici nterpellat diversi drabi lill-konvenut ghar-rifuzjoni ta' l-akkont imhallas;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex mghandux dan l-Onorabli Tribunal jikkundannah: (i) ihallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm 1,000); u (ii) ihallas l-imghax u l-ispejjez legali.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata llum 12 ta' Jannar 2004.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------